MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## FRANCO DEPASQUALE

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1029/1998/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Jane Bakoush**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet anness ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok. A, il-konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf u tlettax-il lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm1013.45) dovuti

in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephone numru 247042;

Premess illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat anness u mmarkat bhala Dok. B;

Premess illi s-socjeta` attrici sejhet diversi drabi lill-konvenuta sabiex thallasha l-ammont imsemmi izda din baqghet inadempjenti;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghat-tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta` attrici qeghda tannetta ma' l-att tac-citazzjoni Affidavit (Dok. C) ghall-iskop ta' l-istess artikoli msemmija;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' elf u tlettax-il lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm1013.45) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephone numru 247042, skond il-prospett esebit bhala Dok. B ghar-ragunijiet premessi;

Bl-isepjjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-8 ta' Ottubru, 1997 u tal-15 ta' Dicembru, 1997, tal-Mandat ta' Sekwestru numru u tal-Mandat ta' Qbid numru ; u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali – kollha kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikata u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavit tal-PL Jean Pierre Busuttil tat-23 ta’ Gunju 1998 fejn ikkonferma li skond l-informazzjoni li kellu l-konvenuta ghadha tghix f’dawn il-gzejjer;

Rat li l-konvenuta giet notifikata bic-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh tal-kawza permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni (fil-post 60/1, Old Hospital Street, Valletta u fil-Kunsill Lokali tal-Belt) u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u zewg gazzetti ohra lokali (f’ The Times u f’In-Nazzjon);

Rat li nonostante dan il-konvenuta baqghet ma pprezentatx in-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi mid-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici jirrizulta li fit-22 ta’ Gunju 1992 il-konvenuta applikat ghal-linja tat-telefon u fil-fatt fl-20 ta’ Lulju 1992 iffirmat il-ftehim mas-socjeta` attrici Maltacom plc sabiex hija tinstallalha s-servizz tat-telefon, u hallset Lm1 bhala depozitu. In-numru li gie assenjat lilha kien 247042. Fl-ahhar udjenza tal-Qorti, u cioe` tat-12 ta’ Dicembru 2002, Paul Busuttil, principal fis-socjeta` attrici u kap tas-sezzjoni legali, ikkonferma li t-telefon kien fil-fatt gie installat.

Illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni rapprezentanti s-servizz u l-uzu ta’ dan it-telefon huwa ta’ Lm1013.45. Dan huwa l-bilanc kif jirrizulta mill-prospett esebit a fol. 5 tal-process datat 9 ta’ Dicembru 1997, u dan l-ammont huwa wkoll ikkonfermat minn Saviour Farrugia, ufficjal inkarigat mis-

Sezzjoni Arretrati ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Maltacom, fl-affidavit tieghu (fol 6). Qal ukoll li intbaghtulha zewg ittri ufficjali fit-8 ta' Ottubru 1997 u fil-15 ta' Dicembru 1997;

Illi Paul Busuttil fl-ahhar udjenza tal-Qorti ukoll ikkonferma li l-ammont pendenti fir-rigward tas-servizz tat-telefon u tat-telefonati relattivi ghadu ta' Lm1013.45, u spjega li dan l-ammont ikopri l-perijodu mill-1994 sa meta gie sospiz is-servizz fis-17 ta' Ottubru 1997. Spjega ukoll li skond il-file taghhom ma jirrizultax li kien hemm xi reazzjoni da parti tal-konvenuta ghat-talbiet li kienu ghamlulha;

Illi jidher li l-konvenuta hija kontumaci, u qatt ma dehret fl-udjenzi tal-Qorti fir-rigward tal-kaz odjern. Ghalhekk il-Qorti ser toqghod fuq il-provi prodotti mis-socjeta` attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Talba;

Tilqa' t-Tieni Talba u tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf u tlettax-il lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm1013.45) dovuta in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telefon numru 247042;

L-ispejjez u l-imghax kif mitluba fic-citazzjoni jithallsu mill-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------